MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2009

Numru 232/1999

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDYL MARY CAMILLERI**

**KONTRA**

**MARIO CARDONA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Cardona ta’ 37 sena, bin George u Teresa nee’ Zammit, imwieled il- Marsa, nhar is- 7 ta’ Ottubru 1961, residenti fil- fond St. John No.2, College Street, Mosta, u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 645861(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) f'dawn il- Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jksru l- istess dispozizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, u cioe s- somma ta' aktar minn Lm1000 u oggetti ohra fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l- professjoni industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju u dan ghad- dannu ta' True Blue Caterers u persuni ohra, liema somma u oggetti gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tas- somma u oggetti jew li jsir uzu minnhom specifikat dan bi ksur tal- Artikoli 293 u 294 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) u aktar talli b'mezzi kontra l- Ligi, jew billi igieghel titwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn Lm1000 ghad- dannu ta' Camilmac Services Ltd., Stivala Distributors Ltd., Jack Attard u persuni ohra u dan bi ksur tal- Artikoli 309, 309 u 310 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti kellha x-xorti tajba li tigi assenjata din il-kawza wara li kienet ilha li nbdiet xi tmien snin qabel. Tant

hu hekk, kwazi l-provi kollha prodotti f'din il-kawza instemghu minn din il-Qorti diversament presjeduta, u allura l-Qorti ma kellhiex il-vantagg li tisma' hi l-provi u tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi bhall-imgieba u l-kredibilita' tax-xhieda, u ma setghetx taghmel mistoqsijiet hi sabiex tipprova tistabbilixxi x' seta' kien jikkonsisti dan ir-reat.

L-imputat gie akkuzat li ghamel qligh b' qerq a dannu ta' True Blue Caterers u persuni ohra, u li approprja ruhu minn hwejjeg haddiehor. Mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien jahdem ma' True Blue Caterers, u li f' xi zmien spicca' mill-impieg tieghu u l-kumpannija fittxitu ghal danni u ghal rifuzjoni ta' xi oggetti appartenenti lill-istess socjeta'.

Il-Qorti m'hix tal-fehma li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni. Ghar-rigward tal-oggetti allegatament misapproprjati mill-imputat, ma giex indikat li dawn kienu jappartjenu lil True Blue, u l-anqas ma gie ppruvat li l-oggetti inzammu mill-imputat biex idawwarhom fi profitt ghalih jew ghal terzi. Fit-tieni lok, kwantu ghar-reat ta' frodi b' eghmil qarrieqi, hawnekk ukoll il-prosekuzzjoni ma resqetx provi konklussivi kontra l-imputat. Gie allegat li l-imputat iffirma xi cekkijiet lil Stivala Distributors, lil Camilmac Services, u lil certu Jack Attard. Rigward l-ewwel zewg socjetajiet imsemmija hawn, ma gewx prodotti c-cekkijiet, u rigward Jack Attard, il-provi ma kienux konklussivi.

Illi mill-provi kollha prodotti l-Qorti hadet impressjoni li n-negozju jew ftehim li kien hemm bejn l-imputat u d-direttrici ta' True Blue Caterers, Connie Attard, ma kienx wiehed sod, u ftit ftit bdew dehlin suspetti kontra xulxin sa ma waslet din il-kawza. Il-Qorti, pero', ma tarax li l-imputat wettaq dawn ir-reati addebitati lilu, u fix-xiehda tieghu hu rnexxielu jiddefendi lilu nnifsu bizzejjed sal-grad ta' prova rikjest mil-ligi. Il-Qorti ma taqbilx mad-difiza meta' din ippruvat tallega li l-kawza kollha kienet makkinazzjoni ta' Connie Attard kontra l-imputat, izda izjed tahseb li kien negozju li beda jfalli u ma rnexxiex jerga' jirpilja, minkejja l-isforzi tat-tnejn li huma

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 293, 294, 308, 309 u 310 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------